**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 37/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Daniel Sammut**

**Illum, 30 t'April 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Daniel Sammut**, detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 238288M;
>
> U nakkuzak talli nhar is-26 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' nofsinhar, gewwa 56, Orchids, Triq in-Nirien, Siggiewi:

- Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' ohtok Olivia Sammut (membru domestiku) f'periklu car, ikkagunajt griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. James Mifsud MD."

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat[1].

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2020[2], fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Rat illi f'dik l-istess seduta l-partijiet iddikjaraw li se jistriehu fuq l-atti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**L-Akkuza**

Illi l-Artikli li skont l-Avukat Generali tista' tinstab htija fl-akkuzat huma l-Artikli 17, 31, 214, 216, 222 (1) (a) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

L-Artiklu 214 jaqra hekk:

[1] A folio 69 tal-process.
[2] A folio 72 tal-process.

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-Artiklu 216 jaqra hekk:

*216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

L-Artiklu 222 jaqra hekk:

*222.(1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –*

*(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);*

*(b) fuq il-persuna ta' xhieda jew periti illi jkunu xehdu jew taw il-fehma tagħhom f'kawża, u minħabba dik ix-xiehda jew perizja, jew fuq il-persuna ta' tifel taħt l-età ta' disa' snin;*

*(ċ) fuq il-persuna ta' min kien uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;*

*(d) fuq il-persuna ta' kull min kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu bħala gwardjan privat, gwardjan privat speċjalizzat jew uffiċjal tal-komunità skont id-dispożizzjonijiet*

*tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità. Il-piena ma tiżdiedx f'każ ta' żball jew aċċident.*

*(2) Iżda l-piena ma tiżdiedx meta l-ħati, mingħajr ħsieb li jagħmel offiża lil persuna partikulari, inkella bil-ħsieb li jagħmel offiża lil xi persuna oħra, bi żball jew b'aċċident, jagħmel offiża lil xi waħda mill-persuni msemmijin fis-subartikolu (1)(a) u (b).*

L-Artiklu 383 jaqra hekk:

*383.(1) Il-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.*

*2) Din is-somma ma tistax tkun anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37), skont il-mezzi tal-persuna obbligata, u ż-żmien tal-obbligi ma jistax ikun aktar minn tnax-il xahar.*

*(3) Meta għall-istess fatt li jagħti lok għall-obbligi fuq imsemmija, l-imputat ikun ġie ikkundannat għal piena li tnaqqas il-libertà persunali, iż-żmien ta' dawk l-obbligi jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih dik il-piena tiġi skuntata jew maħfura.*

**Il-Provi**

Illi l-akkuza addebitata lill-imputat hija li kkaguna griehi ta' natura gravi lil ohtu. Illi din ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tieghu[3]. Illi dan ma

[3] A folio 20 u 25-26 tal-process

jfissirx illi l-Qorti ma tezaminax u tanalizza l-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kunsidrat ukoll illi din l-akkuza hija wahda ex ufficio u ma tehtiegx il-kwerela tal-allegata vittma.

Il-Prosekuzzjoni esebiet **ir-rapport** dwar l-incident Dok KB3[4], li minnu jirrizulta dak li a tempo vergine meta allegatament sehh l-incident li wassal ghal dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll **certifikat mediku**[5] Dok KB4, mahrug dakinhar stess minn Dr. James Mifsud li ezamina lill-vittma, li apparti griehi ohra jelenka "CT facial bones: Undisplaced fractures of both nasal bones" u ccertifika n-natura tal-griehi bhala gravi.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll **l-istqarrija tal-imputat** Dok KB5[6], li qal li kellhom argument verbali u hu "ressaqtha 'l hemm biex ma taghtiex. Iddefendejt ruhi. Imbaghad hi zelqet….. Jien zammejtha u ressaqtha mal-genb u imbaghad waqat u habtet wiccha ma' l-art". Mistoqsi jekk hu kellux griehi wiegeb: "Le jien ma ghandi xejn".

**L-ispettur Kylie Borg** xehdet[7] u identifikat lill-imputat[8] u ddikjarat illi "….jiena kont kellimt ukoll personalment lil Olivia Sammut, il-vittma f'dan il-kaz fejn jiena stess b'ghajnejja kont rajt daqqa go l-ghajn ta' Olivia Sammut, kienet imbengla u vjola u hi stess ikkonfermatli dik l-istess verzjoni li kienet tat lis-Surgent fuq il-post …… fejn Daniel kien qabad jaghti lil Olivia fejn anke ta daqqiet f'gisimha waqt li hi kienet qeghda ma' l-art…".

[4] A folio 7 tal-process
[5] A folio 10 tal-process
[6] A folio 11 tal-process
[7] A folio 22-24 tal-process
[8] A folio 23 tal-process

Xehed ukoll **PS Bjorn Schembri**[9] li iddikjara li ra griehi f'wicc il-vittma u xehed hekk:

> "Mela apparti li ghamilt ir-rapport , nhar is-26 ta' Jannar dahlitilna telefonata gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug minghand il-vittma certu Olivia Sammut. Din qaltilna li kien hemm argument gewwa residenza numru 56 Triq in-Nirien Siggiewi. Ahna morna immedjatament fuq il-post fejn sibna lil Olivia Sammut fejn dehret li kellha xi griehi f'wiccha.
>
> Prosekuzzjoni: Meta qed tghid griehi f' wiccha, x' rajt inti?
>
> PS 1482 Bjorn Schembri: Xi qsim fil-wicc u kellha xi dmija fuq il-flokk ukoll.
>
> Prosekuzzjoni: Kellha qsim fuq il-wicc, tiftakar f'liema partijiet tal-wicc kien dan il-qsim?
>
> PS 1482 Bjorn Schembri: Ma niftakarx ezatt, naf li kienu fil-wicc u meta rajna hekk gibnilha ambulanza fuq il-post u giet rekoverata gewwa l-isptar Mater Dei.
>
> Prosekuzzjoni: Inti Olivia Sammut qaltlek min kien ghamilhomlha dawn il-griehi.
>
> PS 1482 Bjorn Schembri: Iva qaltli li kellha argument ma huha certu Daniel Sammut, li wara qed naghrfu hawnhekk go l-awla."

Xehed ukoll **Dr. James Mifsud**[10] li qal hekk: "Bazikament kellha tbengil fuq il-wicc, kellha qatgha fuq ix-xoffa t'isfel, tbengil ukoll fuq

[9] A folio 37 tal-process

il-kustilji fuq in-naha tax-xellug, dawk bhala griehi. Imbaghad bhala investigazzjonijiet bhala scan kellha ksur fl-ghadam ta' l-imnieher". Mistoqsi l-ksur fl-imnieher kemm idum biex ifiq huw qal "gimghat nahseb, mhux cert imma ezatt id-dettalji". Huwa qal ukoll li l-vittma "kienet giet riferuta l-ENT."

Xehed ukoll **Dr. Adrian Agius**[11]**.** Huwa ezamina lill-vittma fit-03 ta' Ottubru 2020 u qal li "sibt kollox tajjeb u ma kellha l-ebda dizabilita' ta' xejn" izda l-incident kien ilu li sehh mis-26 ta' Jannar 2020. Huwa jghid li kieku kien hemm ksur kien jinduna. U esebixxa r-rapport tieghu Dok AG[12].

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi sabiex tanalizza l-provi mressqa:

Mir-rapport li l-vittma ghamlet mal-Pulizija dakinhar tal-incident jirrizulta li dak il-hin stess li gara l-incident fejn il-vittma giet aggredita mill-akkuzat, il-vittma talbet l-assistenza tal-Pulizija permezz ta' telefonata li immedjatament marru fir-residenza taghha. Il-vittma iddikjarat mal-Pulizija li l-imputat "qabad itiha u tefaghha mal-art bid-daqqiet." Hemmhekk huma raw li kellha xi griehi f'wiccha[13] u ghalhekk issejhet ambulanza li hadet lill-vittma ghal aktar kura fl-isptar Mater Dei. L-allegat aggressur kien telaq minn fuq il-post izda gie kkuntattjat sabiex ikun mitkellem fl-Ghassa fejn gie infurmat li kien jinsab arrestat dwar griehi li kkawza fuq ohtu.

---

[10] A folio 58-60 tal-process
[11] A folio 65-66 tal-process
[12] A folio 67 tal-process.
[13] A folio 9 tal-process

Ic-certifikat mediku[14] Dok KB4, mahrug dakinhar stess minn Dr. James Mifsud li ezamina lill-vittma, apparti griehi ohra jelenka “CT facial bones: Undisplaced fractures of both nasal bones” u jiccertifika n-natura tal-griehi bhala gravi.

Fl-istqarrija tieghu mal-Pulizija l-imputat jallega li kienet ohtu li habtet ghalih. Jallega hafna affarijiet fl-istqarrija tieghu izda ma gab l-ebda prova sabiex isostni l-istess. Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-imputat ma ghandha xejn mis-sewwa. Li kieku l-uniku sehem tieghu fl-incident kien li “ressaqtha mal-genb” ma kien ikun hemm l-ebda raguni il-ghala l-vittma kienet skont hu taqa’ ma’ l-art jew tizloq u tfarrak wiccha tant li kisret l-ghadam ta’ mnehirha kemm tal-lemin u kemm tax-xellug. L-imputat jallega li ohtu habtet ghalih izda ma gab l-ebda prova dwar dan.

L-Ispettur Kylie Borg identifikat lill-imputat[15] u ddikjarat illi “….jiena kont kellimt ukoll personalment lil Olivia Sammut, il-vittma f’dan il-kaz **fejn jiena stess b’ghajnejja kont rajt daqqa go l-ghajn ta’ Olivia Sammut, kienet imbengla u vjola u hi stess ikkonfermatli dik l-istess verzjoni li kienet tat lis-Surgent fuq il-post**……**fejn Daniel kien qabad jaghti lil Olivia fejn anke ta daqqiet f’gisimha waqt li hi kienet qeghda ma’ l-art…**[16]”.

PS Bjorn Schembri[17] li mar fir-residenza tal-vittma hekk kif rcieva r-rapport ukoll personalment ra l-griehi f’wicc il-vittma.

Mix-xhieda ta’ Dr. James Mifsud[18] u mic-certifikat mediku mahrug minnu dakinhar stess tal-incident jirrizultaw bla dubju l-griehi li soffriet

[14] A folio 10 tal-process
[15] A folio 23 tal-process
[16] Enfasi tal-Qorti.
[17] A folio 37 tal-process

il-vittma u l-ksur fl-ghadam tal-imnieher taghha u li kellha ukoll daqqiet fuq il-kustilji.

Dr. Adrian Agius[19] xehed li huwa ezamina lill-vittma fit-03 ta' Ottubru 2020 u qal li "sibt kollox tajjeb u ma kellha l-ebda dizabilita' ta' xejn" izda l-incident kien ilu li sehh mis-26 ta' Jannar 2020. Huwa jghid li kieku kien hemm ksur kien jinduna. U esebixxa r-rapport tieghu Dok AG[20]. Illi pero' huwa ma qalx jekk kienx ha konjizzjoni tal-file mediku tal-vittma u specifikatament il-parti relatata mal-incident u s-CT Scan fejn kien irrizulta li l-vittma kellha "Undisplaced fractures of both nasal bones". Il-Qorti ghalhekk ma tistax toqghod fuq dan ir-rapport, minn liema jidher li l-espert mahtur qaghad fuq li qaltlu l-vittma u cioe' li kellha "facial bruising" minghajr ma ha konjizzjoni tal-file mediku taghha sabiex jaghmel ir-rapport tieghu. Fil-fatt fir-rapport tieghu huwa ma ghamel l-ebda referenza ghall-griehi li soffriet il-vittma kif registrati fil-file mediku taghha u lanqas ma jaghmel referenza ghac-certifikat mediku mahrug dakinhar stess minn Dr. James Mifsud li ezamina lill-vittma dakinhar stess tal-incident. Il-Qorti tqis ukoll illi t-trapass taz-zmien u cioe' aktar minn disa' xhur sakemm huwa ezamina lill-vittma kienu bizzejjed sabiex l-ghadam tal-imnieher ifiq.

Illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma gew kontradetti bl-ebda mod. L-imputat ma ressaq l-ebda provi. U ma saru l-ebda kontro-ezamijiet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti issib illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-akkuza addebitata lill-imputat tirrizulta ampjament pruvata anke fin-nuqqas tax-xhieda tal-allegata vittma.

---

18 A folio 58-60 tal-process
19 A folio 65 -66 tal-process
20 A folio 67 tal-process.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikli 214, 216, 222 (1) (a) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal erba' snin u sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittma Olivia Sammut torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht l-Artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghal zmien tnax-il xahar.

U ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez tal-espert Dr. Adrian Agius fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car il-konsegwenzi u l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-obbligi tieghu u l-imputat jiddikjara li huwa fehem l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur